MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 1/2011

**Gino Spiteri (ID 289371M)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-4 ta' Jannar 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru***

*Ra l-applikazzjoni tal-appellant ghall-Pensjoni Kontributorja (Invalidita`) tad-9 ta' Awwissu 2010.*

*Ra d-decizjoni tal-Bord Mediku tal-15 ta' Settembru 2010.*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tat-30 ta' Settembru 2010 fejn t-talba tal-appellant giet michuda.*

*Ra l-ittra tal-appell tat-12 ta' Ottubru 2010.*

*Sema' lill-appellant fis-seduta tas-17 ta' Dicembru 2010.*

*Ha in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku.*

***Ikkunsidra:***

*L-appellant xehed illi huwa jmur jqatta' l-gurnata billi jmur jimxi kuljum ghaliex skont hu aktar ma' jimxi aktar jhossu ahjar sabiex jinsa' l-ugiegh li jkollu ghaliex inkella taqbdu d-dipressjoni. Huwa jghid ukoll illi jsuq ghall-bzonn. L-appellant isemmi wkoll illi minn mindu ghamel l-operazzjoni huwa jiehu l-kura ossija tnejn voltaren tliet darbiet kuljum u waqqaf il-fizioterapija peress illi din ma hadmitx. Huwa jghid ukoll illi gie ghas-seduta wahda u b'tal-linja. Illi mid-discharge letter datata s-26 ta' Novembru 2008 mahrug mill-konsulent Dr. Anthony Zrinzo jirrizulta illi wara l-operazzjoni tat-18 ta' Novembru 2008 "by the time he was discharged, he was able to attend to his daily needs and climb stairs. He was encouraged to continue the demonstrated exercises at home." Illi in oltre fic-certifikat mediku mahrug mill-istess konsulent fit-23 ta' Novembru 2009 jinghad illi "there is no motor deficit of the extremities."*

*Illi ghalhekk mic-certifikati ezebiti u kif ukoll mix-xhieda tal-istess appellant ma' jirrizultax sodisfacjentement ippruvat illi l-appellant jbati minn xi kundizzjoni daqshekk serja u permanenti ai termini tal-**artikolu 26 1 (b) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta** li tinhibih milli jsib xoghol adattat ghalih.*

*Ghaldaqstant, ghar-raguni hawn fuq imsemmija l-appell qieghed jigi michud u ghalhekk id-decizjoni tad-Direttur qieghda tigi kkonfermata.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gino Spiteri datat 27 ta' Jannar 2011 fejn l-appellanti qed jitlob lill-Qorti tbiddel u tvarja s-

sentenza appellata billi, waqt li tichad id-decide tal-arbitru, tilqa' it-talba tieghu, prevja dikjarazzjoni li huwa m' ghadux tajjeb ghax-xoghol u tiddeciedi li huwa ghandu jigi *"boarded out"* ghall-finijiet tal u taht l-att tas-Sigurta` Socjali, bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 2 sa 7 tal-process.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) ghar-rikors tal-appell ipprezentat minn Gino Spiteri fis-27 ta' Jannar 2011, liema risposta datata 7 ta' Marzu 2011 a fol 10 tal-process talab lill-Qorti tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellant u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Arbitru fit-30 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet Gino Spiteri vs Direttur tas-Sigurta` Socjali bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' April 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghall-appellat u Dr. Thomas Abela ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-15 ta' Gunju 2011; u d-digriet datat 15 ta' Gunju 2011 fejn l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appellant appella mid-decizjoni tal-Arbitru datata 4 ta' Jannar 2011 peress li qed isostni li huwa ma ghadux tajjeb ghax-xoghol tant li ghamel operazzjoni f'darhu fit-18 ta' Novembru 2008 (Dok. "A"), u kien hekk certifikat minn Dr. Anthony Zrinzo fit-23 ta' Novembru 2009 (Dok. "B") u ghalhekk ghandu jigi *boarded out* ghall-finijiet tal-**Kap. 318**

u b’hekk qed jitlob li d-decizjoni tal-istess Arbitru datata 4 ta’ Jannar 2011 tigi revokata.

Illi pero’ din il-Qorti thoss li dan l-appell ma jistax jigi accettat ghaliex jidher car li l-Arbitru fid-decizjoni tieghu qaghad fuq l-espert mediku Dr. Denis Soler (Dok. “A” – fol. 13) nominat minnu abbazi tal-**artikolu 106 (e) tal-Kap. 318** datat 15 ta’ Settembru 2010 abbazi ta’ liema iccertifika li ghalkemm l-appellant ghamel operazzjoni fit-2008 ma rrizultax mill-MRI li kellu *“new disc prolapse”* u allura ma kienx jissodisfa l-kriterji tal-ligi sabiex jiehu pensjoni ta’ invalidita’, u fil-fatt fix-xhieda tieghu quddiem l-istess Arbitru datata 17 ta’ Dicembru 2010 verament ma hemm xejn x’jindika ghaliex tali rapport ma ghandux jigi segwit, u fil-fatt fid-decizjoni tal-arbitru inghad korrettement li *“ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat li l-appellant jbati minn xi kundizzjoni daqshekk serja u permanenti ai termini tal-Artikolu 26 1 (b) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta’ Malta li tinibih milli jsib xoghol adattat ghalih”.*

Illi fil-verita’ ma hemm xejn f’dan l-appell li jista’ jigi kkunsidrat li jista’ jwassal lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru ghaliex fuq kollox din hija bbazata fuq konstatazzjoni medika li inghatat konsulta dwarha u dan huwa punt ta’ fatt – u konsiderazzjoni ta’ natura specjalizzata li l-Qorti ghandha toqghod fuqha u certament ma tammontax ghall-punt ta’ ligi, u allura dan l-appell ma jistax jirnexxi, ghaliex certament li l-istess Arbitru ma zbaljax fuq punt ta’ importanza jew punt ta’ dritt (**“Anthony Farrugia vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** – A.C. – 31 ta’ Mejju 1996) u jinghad ukoll li d-decizjoni giet mehuda u bbazata fuq l-atti kollha li huwa kellu quddiemu u ma` l-istess konkluzjoni ma ghandha xejn li din il-Qorti tista’ b’xi mod ticcensura lanqas dwar l-apprezzament tal-provi li sar quddiemu. B’hekk dan l-appell huwa kompletament bla bazi u qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellat id-Direttur tas-Sigurta’ Socjali fir-risposta tieghu datata 7 ta’

Marzu 2011 in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Gino Spiteri fl-appell tieghu datat 27 ta' Jannar 2011** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet **"Gino Spiteri vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** tal-4 ta' Jannar 2011 (Dec.06/11) ghal kull effett u buon fini tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Gino Spiteri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------